**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XXVII**
**Appell Nru: 148/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Denise Mula)**

**Vs**

**ANTHONY GAFA'**

**Illum, 9 ta' Marzu, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Anthony Gafa' gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-2 ta'Ottubru, 1999, ghal habta ta' l-4.30 p.m., f'Mistra Road l/o San Pawl il-Bahar, (**1**) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura numru ABB-973 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi, (**2**) irrifjuta jew naqas milli jghati skond il-ligi kampjun tan-nifs, (**3**) fl-imsemmija data, lok u hin, saq l-imsemmija vettura ABB-973 b'giri aktar milli jmissu, (**4**) b'manjera traskurata u (**5**) b'manjera perikoluza.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fil-25 ta'Mejju, 2000, li biha ma sabetx lill-Anthony Gafa' hati ta'dawn l-akkuzi w illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali datat 13 ta'Gunju, 2000, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-parti liberatorja taghha in kwantu tikkoncerna l-akkuzi numerati (**1**) (**3**) (**4**) u (**5**), izda tirrevokaha kwantu ghat-tieni (**2**) akkuza w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi fis-seduta tat-12 ta'Dicembru, 2000, l-appellat Anthony Gafa' eccepixxa li r-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali huwa null peress li r-rikors li hu kien gie notifikat bih jghid li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fil-konfront tieghu f'dawn il-proceduri odjerni hija datata **<u>25 ta'Marzu, 2000</u>**, meta fil-fatt f'dik id-data ma kien hemm l-ebda sentenza kontrih.

Illi sabiex jissostanzja din l-eccezzjoni tieghu, l-appellat ipprezenta quddiem din il-Qorti, 'animo ritirandi', il-kopja tar-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali li gie notifikat bih. Effettivament minn dan id-dokument jirrizulta car li l-appellant Avukat Generali jghid li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti f'dawn il-proceduri kienet datata 25 ta'Marzu, 2000, u jkompli jghid li b'nota datata 30 ta'Marzu, 2000, il-Kummissarju tal-Pulizija gharraf li kien bi hsiebu jappella minn dik is-sentenza. Fil-fatt dan l-appell sar fit-13 ta'Gunju, 2000.

Mill-banda l-ohra, ir-rikors t'appell originali ta' l-Avukat Generali, dak li hemm fl-atti processwali, ghalkemm jindika l-istess zewg dati msemmija, jirrizulta pero' li fid-data ta' meta dan gie prezentat fir-Registru ta'din il-Qorti, cioe', fit-13 ta'Gunju, 2000, kienet saret korrezzjoni ghal dawn iz-zewg dati, li giet awtorizzata mid-Deputat Registratur ta'din il-Qorti, fis-sens li minflok ix-xahar ta'Marzu, dan gie sostitwit bix-xahar ta'Mejju. Jirrizulta li gie koreggut l-original biss u li ma saret l-ebda korrezzjoni simili fil-kopja tar-rikors li biha gie notifikat l-appellat Anthony Gafa', li, minhabba din ir-raguni qieghed jeccepixxi n-nullita' tar-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali.

Ghalhekk il-Qorti sejra issa taghti d-decizjoni taghha fuq din l-eccezzjoni qabel ma, u jekk ikun il-kaz biss, thalli l-kawza ghal kontinwazzjoni fuq il-meritu.

**IKKUNSIDRAT :**

Issa, kif huwa ben saput, dak li hu rilevanti huma l-atti processwali, fis-sens li huma biss dawk l-atti li jinsabu fl-inkartament tal-proceduri li ghandhom valur u li fuqhom ghandha toqghod il-Qorti w kull min jkun involut f'dawk il-proceduri. Il-kopja tar-rikors t'appell li giet notifikata lill-appellat sservi biss biex hu jkun jaf li sar appell f'dawn il-proceduri minn naha ta' l-Avukat Generali u sabiex hu jkun jista' jirregola ruhu. Dik il-kopja ma ghandha ebda forza legali li torbot. Hija biss avviz lill-appellat, bhal ma hija biss 'avviso da comparire' ic-citazzjoni li persuna tigi notifikata biha, biex jekk trid, tidher quddiem il-Qorti u twiegeb ghall-akkuzi li jkunu sarulha. Il-kopja tar-rikors' t'appell ta' l-Avukat Generali f'dan il-kaz m'ghandha ebda forza legali fis-sens li ma tifformax parti mill-atti processwali jew l-atti li hemm fl-inkartament. Tant hu hekk li l-appellat **notifikat** jista', jekk irid, lanqas biss jidher quddiem din il-Qorti w jwiegeb b'xi mod ghar-rikors ta'appell ta' l-Avukat Generali, f'liem kaz is-smiegh ta' dak l-appell jista' jitmexxa anke fl-assenza ta' l-appellat. Dak li jorbot lil din il-Qorti, kif ukoll lill-appellant u lill-appellat, u li fuqu jridu jittmexxew dawn il-proceduri, huwa ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali li hemm fl-atti, kif koreggut, u li gie prezentat fit-13 ta'Gunju, 2000. Dan ifisser li legalment ma kien hemm ebda bzonn li anke l-kopja tar-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali tigi koreguta bhal ma sar fir-rikors t'appell originali li qieghed f'dawn l-atti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tichad din l-eccezzjoni sollevata mill-appellat u tordna l-prosegwiment ta' dawn il-proceduri fuq il-meritu.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur